Imħallef :

18 ta' Awissu, 1950.

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Tabib Pawlu Boffa et. *versus* Frank Agius et. ne.**

**Assemblea Leġislativa — Elezzjoni — "Nomination Paper" — Art. 12 (2) u 7 (1) tal-Kap. 163.**

*Malli l-kandidat għal elezzjoni li tkun sejra ssir ta' membri ta' l-Assemblea Leġislativa jippreżenta n-"nomination paper" tiegħu, u din tiġi aċċettata mill-Kummissarji Elettorali, dik **in-"nomination paper" issir ta' dominju publiku**, u ma tistax tiġi **mimsusa**, la b'xi żieda u lanqas b'xi tnaqqis. Il għalhekk, wara li n-"nomination*

*paper tal-kandidat tkun ġiet aċċettata minn dawk l-uffiċjali, huwa ma jistax jitlob li ssir xi alterazzjoni fiha; u l-Uffiċjali msemmija ma jistgħux jippermettu dik l-alterazzjoni, lanqas jekk iridu.*

*Meta n-"nomination paper" tiġi preżentata, il-Kummissjunarji Elettorali jistgħu jirrifjutawha jekk ikun fiha xi deżinjazzjoni tal-kandidat li huma, fid-diskrezzjoni tagħhom, jidhrilhom li ma għandhomx japprovawha; u d-deċiżjoni tagħhom dwar daqshekk, tajba jew ħażina, għandha tiġi rispettata u hija insindakabili. Il-kandidat ma jistax jallega li dik id-deżinjazzjoni tiegħu fin-"nomination paper" tinteressa lilu biss; għax il-Kummissjunarji Elettorali jiġu nominati u inkarikati biex imexxu l-elezzjoni fl-interess ta' ebda partit, imma biss biex jagħmlu dak li jidhrilhom li huwa meħtieġ għat-tmexxija ta' l-elezzjoni. Għaldaqstant, jekk fid-diskrezzjoni tagħhom jidhrilhom li ma għandhomx jaċċettaw "nomination paper" li jkun fiha xi deżinjazzjoni tal-kandidat li huma jidhrilhom li ma għandhomx japprovaw, mhux il-każ li wieħed jidħol fil-meritu ta' l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, wara li ppremettew illi huma ġew infurmati mill-konvenuti nomine uffiċjalment illi l-indikazzjoni u l-aġġunta tal-kliem "tal-Labour ta' Boffa" fin-"nomination paper" rispettiva tagħhom ma setgħetx tiġi milqugħa u aċċettata, minħabba l-fatt li dina l-inklużjoni ta' dawn il-kliem tista' tikkrea konfużjoni għal dik li hi identità tal-kandidati, u f'ċerti każi għal ex in-"nomination paper", darba aċċettata, mhix soġġetta għal ebda addizzjoni; u peress li r-raġunijiet addotti mill-konvenuti nomine ma humiex sostanzjati fil-liġi, kif aħjar jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, anzi l-aġġunta u indikazzjoni proposta tkompli tikkjarifika u tiddistingwi ampjament b'mod li tista' telimina kwalunkwe konfużjoni; talbu li d-deċiżjoni mogħtija mill-konvenuti nomine tiġi revokata minn dina l-Qorti, u fl-istess ħin jiġi dikjarat u deċiż illi l-kliem "tal-Labour ta' Boffa" jistgħu u għandhom jiġu inklużi fin-"nomination paper" ta' l-atturi bħala kandidati għal dina l-elezzjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn. B'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 342 tal-4 ta' Lulju 1950, il-konvenut Frank Agius ġie nominat Uffiċjal Elettorali Prinċipali, u l-konvenuti l-oħra Kummissjunarji Elettorali, għas-sena 1950. Permezz ta' Writ maħruġ mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur fis-26 ta' Lulju 1950, il-konvenuti, fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, ġew inkarikati biex imexxu l-elezzjonijiet ta' Membri ta' l-Assemblea Leġislativa. B'avviż tas-27 ta' Lulju 1950 il-konvenut Agius, bħala Uffiċjal Elettorali Prinċipali, għarraf lil kulħadd li l-Kummissjunarji Elettorali kellhom jirċievu n-nomini tal-kandidati għall-Elezzjoni bħala Membri ta' l-Assemblea Leġislativa, fit-3 u l-4 ta' Awissu 1950, mid-9 a.m. sa nofs in-nhar, u mit-3 p.m. sal-5 p.m., u fil-5 ta' Awissu 1950, mid-9 a.m. sal-5 p.m.;

Fl-ewwel jumejn, jew fit-3 u l-4 ta' Awsisu, wieħed u għoxrin mill-atturi ppreżentaw in-"nomination paper" tagħhom bħala kandidati għal din l-elezzjoni, bl-indikazzjoni biss "tal-Partit ta' Boffa". Fit-tielet ġurnata, 5 ta' Awissu 1950, u wara li kien daqq nofs in-nhar, disgħa mill-atturi ppreżentaw in-"nomination paper" tagħhom ukoll, bħala kandidati għal din l-elezzjoni, bl-indikazzjoni mhux biss "tal-Partit ta' Boffa", bħal ma kellhom dawk ta' qabel, imma wkoll dik "tal-Labour ta' Boffa", u saret talba f'isem l-atturi kollha li kienu ġa ppreżentaw in-"nomination paper" tagħhom fil-jumejn ta' qabel, biex tiġi inserta f'dawk il-wieħed u għoxrin "nomination papers" l-indikazzjoni addizzjonali "tal-Labour ta' Boffa". Il-konvenuti ma aċċettawx it-talba ta' l-atturi, dik li ssir l-indikazzjoni addizzjonali fuq imsemmija f'dawk il-21 "nomination papers", u huma rrifjutaw ukoll li dik l-indikazzjoni titniżżel fin-"nomination papers" tad-9 atturi l-oħra, u riedu li tibqa' fihom biss l-indikazzjoni "tal-Partit ta' Boffa";

Illi l-atturi jippretendu (1) li l-konvenuti ma kellhom ebda dritt jirrifjutaw li tiġi miżjuda d-desinjazzjoni "tal-Labour ta' Boffa" fil-21 "nomination papers" preżentati fit-3 u fl-4 ta' Awissu 1950, u (2) li l-istess konvenuti ma setgħux ma jaċċettawx dik id-desinjazzjoni fid-9 "nomination papers" l-oħra preżentati fil-5 ta' Awissu 1950;

Il-konvenuti, minn naħa tagħhom, jissottomettu (1) li ż-żieda ta' dik id-desinjazzjoni "tal-Labour ta' Boffa" ġiet mitluba wara li dawk il-21 "nomination papers" kienu ġa ġew preżentati u aċċettati minnhom, u kwindi dik it-talba ma setgħetx tiġi aċċettata, għax kienet tammonta għal alterazzjoni fin-"nomination papers", u (2) li, ladarba huma lanqas ma setgħu jaċċettaw dik id-desinjazzjoni fid-9 "nomination papers" l-oħra, huma lanqas setgħu jaċċettaw dik id-desinjazzjoni fid-9 "nomination papers" l-oħra, għaliex deħrilhom li, jekk jaċċettawha, tiġi kreata konfużjoni fl-eletturi, speċjalment dawk illetterati;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjonijiet f'din il-kawża jirriduċu ruħhom filli jiġi stabbilit (1) jekk il-konvenuti, fil-kwalità li jidhru fiha, setgħux jirrifjutaw li tiżdied fl-ewwel 21 "nomination papers" fuq imsemmijin id-desinjazzjoni "tal-Labour ta' Boffa" ġa msemmija, u (2) jekk l-istess konvenuti setgħux jirrifjutaw li jkun hemm barra mid-desinjazzjoni "tal-Partit ta' Boffa", dik ukoll "tal-Labour ta' Boffa", fid-9 "nomination papers" ukoll ġa msemmijin;

Illi, dwar l-ewwel kwistjoni, jingħad li ma hemmx kontestazzjoni li l-ewwel 21 "nomination papers" ġew preżentati matul l-ewwel jumejn tan-"nomination", jew biċċa fit-3 u l-oħrajn fl-4 ta' Awissu 1950, u kellhom bħala desinjazzjoni tal-kandidat ta' fuq kull waħda minnhom il-kliem "tal-Partit ta' Boffa". Mal-konsenja tagħhom lill-konvenuti, u kif dawn aċċettawhom, dawk il-21 "nomination papers" saru ta' dominju publiku, u għalhekk ma setgħux jiġu mimsusa la b'żidiet u lanqas bi tnaqqis. Infatti, minnufih wara li n-"nomination paper" tiġi regolarment ikkunsinnata lill-Kummissjunarji, l-isem tal-kandidat jiġi mwaħħal fid-daħla ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjunarji (art. 12 (2) tal-Kap. 163 tal-Liġijiet ta' Malta), u kull elettur jista' jitlob lill-Kummissarji li jara u jeżamina kull "nomination paper" aċċettata minnhom. Dan juri li n-"nomination paper", mal-konsenja tagħha mill-Kummissjunarji, tiġi aċċettata u mbagħad issir ta' dominju publiku bl-affissjoni, jekk mhux għal ħaġ'oħra, ta' isem il-kandidat għall-informazzjoni ta' kulħadd; u kull elettur jista' jmur jaraha u jeżaminaha, u kwindi ma tistax tiġi

mibdula minn ħadd. Issa l-kliem "aċċettata minnhom" fl-artikolu fuq imsemmi juru wkoll li jekk qatt, wara l-preżentata tan-"nomination paper", jista' jsir xi tibdil fiha, bi tnaqqis jew żieda, dan it-tibdil jista' u jrid isir biss bil-kunsens tal-Kummissjunarji, f'dan il-każ tal-konvenuti; u l-konvenuti dan il-kunsens ma tawhx;

L-atturi jissottomettu li l-konvenuti ma setgħux ma jagħtux dan il-permess. Imma kif ġa ntqal, dawk il-21 "nomination papers", ladarba ġew preżentati mill-kandidati rispettivi u aċċettati mill-konvenuti nomine, u publikati, u għalhekk saru ta' dominju publiku, l-istess ma setgħux jiġu mimsusa bl-ebda mod, billi fuqhom jiżdiedu jew jitnaqqsu kliem, la mill-atturi u lanqas mill-konvenuti; u għalhekk dawn ta' l-aħħar, lanqas kieku riedu, ma setgħux jippermettu tibdil fihom. Barra minn dan. anki kieku setgħu jippermettu tibdil, dana kien jista' jsir biss fid-diskrezzjoni tagħhom, kif jingħad aktar 'il quddiem. U ladarba huma ma deħrilhomx li għandhom jużaw din id-diskrezzjoni, iż-żieda mitluba ma tistax issir;

Illi dwar it-tieni kwistjoni, jingħad li d-9 "nomination papers" l-oħra ġew preżentati fl-aħħar ġurnata, jiġifieri fil-5 ta' Awissu 1950, u kellhom indikati fihom il-kliem, li ntalab li jiżdied fil-21 "nomination papers" ta' qabel, "tal-Labour ta' Boffa", bħala desinjazzjoni b'aġġunta għall-oħra "tal-Partit ta' Boffa". Il-konvenuti nomine rrifjutaw li jaċċettaw dawk in-"nomination papers" b'dawk il-kliem desinjativi. L-atturi jissottomettu li l-konvenuti ma setgħux jopponu dan ir-rifjut. Il-konvenuti nomine josservaw li fid-diskrezzjoni tagħhom deħrilhom li kellhom jirrifjutaw dik id-desinjazzjoni addizzjonali magħmula f'dawk id-9 "nomination papers" fuq din il-konsiderazzjoni. Il-21 "nomination papers" l-oħra, ta' kandidati ta' l-istess partit ta' dawk tad-9 l-oħra, ma kellhomx, u ma setax iżjed ikollhom, għar-raġunijiet li ġa ntqalu, id-desinjazzjoni tal-kliem "tal-Labour ta' Boffa". Fost dawn id-9 kandidati kien hemm min sejjer ikun kandidat fl-istess distrett fejn kien sejjer joħroġ bħala kandidat xi ħadd mill-21 kandidati ta' qabel. Jekk huma kellhom jaċċettaw dik id-desinjazzjoni f'dawk id-9 "nomination papers", kien ikun hemm żgur il-possibilità li tinħoloq konfużjoni fl-elettu-

*ri*. Infatti, skond in-Notifikazzjoni tal-Gvern *nru.* 340 ta' l-1947, elettur jista' jitlob lill-Assistent Kummissjunarju li jinqrawlu l-ismijiet ta' partit wiehed biss in partikulari. Issa, kieku l-konvenuti ppermettew dik id-desinjazzjoni f'dawk id-9 "*nomination* papers", kien jista' jigri li elettur *li* jitlob *l-ismijiet* tal-kandidati "tal-Labour *ta'* Boffa", *jinqrawlu* biss mill-Assistent Kummissjunarju dawk *li* f'dak id-distrett kienu fost dawk li jidhru fid-9 "*nomination* papers" fuq imsemmija, u jhallu barra l-ohrajn li ghal dak id-distrett kienu nominati fil-21 "nomination papers" l-ohra ta' qabel, u *li* fihom id-desinjazzjoni kienet, ghad li ta' l-istess *partit*, "*tal*-Partit ta' Boffa". Naturalment din hija kwistjoni ta' diskrezzjoni; u l-konvenuti jghidu li huma eżercitawha biex ma tinholoqx konfużjoni. L-atturi josservaw li din il-haġa tmiss u tinteressa lilhom biss, u li huma biss ghandhom jafawha;

Illi fl-elezzjonijiet, il-Kummissjunarji Elettorali *jiġu* nominati u inkarikati fl-interess ta' ebda partit, imma biss biex jaghmlu dak kollu "li jidhrilhom" li hu mehtieġ ghat-tmexxija ta' elezzjoni (art. 7 (1) Kap. 163). U ghalhekk, ladarba huma dehrilhom li b'dik *iż-żieda ta' desinjazzjoni fid*-9 "nomination papers" setghet tinholoq konfużjoni fl-eletturi, u ladarba l-liġi stess taghtihom id-dritt li jaghmlu "dak li jidhrilhom", dik id-deċiżjoni diskrezzjonali, tajba jew hażina, ghandha tiġi rispettata u hija insindakabili;

Barra minn dan, huwa evidenti *li* dik *id-desinjazzjoni* tal-kliem "tal-Labour ta' Boffa" id-*disa'* kandidati li pprezentaw in-"nomination papers" taghhom fil-5 ta' Awissu 1950 riedulha li ssir bl-iskop li tassisti fl-identifikazzjoni taghhom mill-votanti. Issa, skond l-art. 1 (2) tal-Polling Regulations 1939, "if supplied by the candidate, there may be *printed* opposite to his name on the ballot paper, any badge or device, approved by the Principal Electoral Officer, indicating the political party, if any, to which the candidate belongs, or otherwise calculated to assist the identification of the candidate by the voter". Dan l-artikolu *juri li l-Uffiċjal* Elettorali Prinċipali mhux tenut li jaċċetta li kandidat jew kandidati jkollhom fil-ballot paper "badge or device", u kwindi *wkoll kliem* desinjativ; altrimenti fir-regolament ma kienx ikun hemm il-kelma "may", imma dik "shall";

Kif josserva Sir Alison Russell fl-aħħar edizzjoni (1938), tal-ktieb tiegħu "Legislative Drafting and Forms", "the natural meaning of the word 'may' is permissive and enabling only"; u fil-każ preżenti, speċjalment meta tittieħed unitament mal-kliem ta' l-art. 7 (1) tal-Kap. 163 "................ do all such things as appear to them to be necessary............", wieħed għandu jiġi għall-konklużjoni li hija mħollija fil-fakoltà u d-diskrezzjoni tal-Kummissjunarji, jiġifieri tal-konvenuti nomine, li jaċċettaw jew le dik il-"badge or device", jew, kif intqal, kliem desinjattiv ieħor, skond jekk ikun jidhrilhom li jkun neċessarju. Il-konvenuti dehrilhom li ma kienx hemm bżonn ta' dik id-desinjazzjoni. Mhux il-każ li wieħed jidħol fil-meritu tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-konvenuti nomine; imma jidher li huma waslu għaliha għar-raġuni li dehrilhom mhux biss li b'dik id-desinjazzjoni setgħet tinħoloq konfużjoni fl-eletturi, imma wkoll, forsi, għaliex l-atturi kienu ġa sufficjentement identifikati bid-desinjazzjoni l-oħra "tal-Partit ta' Boffa". Hu x'inhu, huma taw id-deċiżjoni diskrezzjonali tagħhom. u ma approvawx id-desinjazzjoni l-ġdida. Għattmexxija tajba ta' l-elezzjoni, li għaliha huwa ġew nominati u inkarikati, huma dehrilhom li kellhom jieħdu dik id-deċiżjoni. li, bħal ma ġa ntqal, hija insindakabili skond id-dispożizzjonijiet stess tal-liġi. Għall-istess raġuni, il-konvenuti setgħu wkoll, fid-diskrezzjoni tagħhom, jirrifjutaw iż-żieda tad-desinjazzjoni bil-kliem tal-"Labour ta' Boffa" fl-ewwel 21 "nomination papers" fuq imsemmija, jekk qatt dawn setgħu jsiru żidiet fihom wara li ġew preżentati u aċċettati u publikati;

Illi għalhekk it-talbiet attriċi, kif proposti, mhumiex sostenibili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-istess talbiet attriċi; bl-ispejjeż.